# News Releases



# L-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI): Ġunju tal-2023

NR130/2023 Data tal-Ħruġ: 24 ta' Lulju 2023

*F'Ġunju 2023, ir-rata annwali tal-inflazzjoni hekk kif imkejla mill-Indiċi tal-Prezzijiet bl-Imnut (RPI) kienet ta' 5.4 fil-mija; tnaqqis mill-5.7 fil-mija rreġistrata f'Mejju 2023.*



**It-tibdil fil-prezzijiet u l-effetti tiegħu fuq l-inflazzjoni**

L-ogħla rati tal-inflazzjoni f'Ġunju 2023 kienu rreġistrati fl-Ikel (10.1 fil-mija) u fl-Akkomodazzjoni (9.4 fil-mija). Min-naħa l-oħra, l-aktar rati baxxi tal-inflazzjoni annwali kienu rreġistrati fl-Ilbies u x-xedd tas-saqajn (-1.4 fil-mija) u fl-Ilma, elettriku, gass u karburanti (0.0 fil-mija) (Tabella nru 1).

## Ċart nru 1. Rati tal-inflazzjoni




## Ċart nru 2. Ir-rati annwali tal-inflazzjoni għall-għaxar gruppi ewlenin

Ġunju 2023




Nota: L-Indiċi tal-Ikel jinkludi s-servizzi tar-ristoranti u t-take-aways.

Ċart nru 3 turi l-impatt irreġistrat mill-għaxar gruppi ewlenin fuq ir-rata annwali tal-inflazzjoni. Impatt huwa kejl li jindika l-kontribuzzjoni fuq l-inflazzjoni minn kull wieħed minn dawn il-gruppi. L-impatt jikkunsidra kemm il-piżijiet tal-indiċijiet kif ukoll ir-rata annwali tal-inflazzjoni skont il-grupp.

F'Ġunju 2023, l-akbar impatt pożittiv fuq l-inflazzjoni annwali kien ġej mill-Indiċi tal-Ikel (+2.17 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla tal-prodotti tal-ħalib. It-tieni u t-tielet l-akbar impatti pożittivi fuq l-inflazzjoni kienu ġejjin mill-Indiċi tal-Akkomodazzjoni (+0.74 punti perċentwali) u mill-Indiċi ta' Prodotti u servizzi oħra (+0.56 punti perċentwali), l-aktar minħabba prezzijiet ogħla għas-servizzi tal-manutenzjoni tad-dar u assigurazzjonijiet, rispettivament (Ċart nru 3).

## Ċart nru 3. Il-kontribut tal-għaxar gruppi ewlenin għar-rata annwali tal-inflazzjoni

Ġunju 2023




Noti:

1. L-Indiċi tal-Ikel jinkludi s-servizzi tar-ristoranti u t-take-aways.
2. Punt perċentwali huwa d-differenza aritmetika bejn żewġ persentaġġi.

**L-aggregati**

F'Ġunju, l-Indiċi tal-Ikel irreġistra l-ogħla rata annwali tal-inflazzjoni b'10.1 fil-mija (Tabella nru 1), li minnha l-ikel li jeskludi s-servizzi tar-ristoranti u t-take-aways irreġistra rata annwali ta' 11.6 fil-mija, filwaqt li s-servizzi tar-ristoranti u t-take-aways irreġistraw rata annwali ta' 6.2 fil-mija (Tabella nru 3).

L-Indiċi tal-Ilbies u x-xedd tas-saqajn irreġistra l-aktar rata annwali baxxa ta' inflazzjoni b'-1.4 fil-mija (Tabella nru 1), li minnha l-ħwejjeġ irreġistraw rata annwali ta' -1.4 fil-mija u x-xedd tas-saqajn irreġistra rata annwali ta' -1.3 fil-mija (Tabella nru 3).